# *Horeb* u *Lil alla Falz* imqabbla flimkien

*Patrick Sammut*

Bosta drabi l-poeta jsib ruħu fi vjaġġ ta' tiftix, ta' għarfien u ta' skoperta. Huwa vjaġġ li l-poeta jagħmel ġewwa fih innifsu biex jipprova jfittex u forsi jsib dak il-misteru, ħafna akbar minnu, li jinsab anki 'l barra minnu. It-tiftix għal Alla jsir kemm minn Marjanu Vella f'*Horeb* kif ukoll minn Achille Mizzi f'*Lil alla Falz.*

Bħala struttura jew forma l-poeżija ta' Mizzi hija waħda moderna għall-aħħar, filwaqt li dik ta' Vella għandha kemm mit-tradizzjonali kif ukoll mill-modern kif se naraw. Mizzi jagħmel użu mill-vers ħieles. Insibu sitt strofi ta' tul differenti, bir-ripetizzjoni ta' l-ewwel żewġ strofi anki fl-aħħar tal-poeżija. Min-naħa l-oħra Vella jibni l-poeżija tiegħu fuq għaxar kwartini flimkien ma' vers endekasillabu uniku rrepetut għal tliet darbiet fil-bidu, fin-nofs u fi tmiem il-poeżija. Is-sabiħ u l-oriġinalità ta' Vella hija l-varjetà ta' vrus li juża.

Dak tiegħu mhux il-vers ħieles, iżda dak tradizzjonali. It-tieni, is-sitt, it-tmien u l-ħdax-il strofa jinbnew fuq alternanza bejn is-settenarju pjan u s-settenarju tronk; it-tielet u l-għaxar strofa jinbnew fuq alternanza bejn l-ottonarju pjan u l-kwaternarju tronk; ir-raba' u d-disa' strofa jinbnew fuq alternanza bejn l-endekasillabu pjan u s-settenarju tronk; is-seba' u t-tnax-il strofa huma mibnija fuq żewġ kwaternarji tronki magħluqin bejn żewġ kwaternarji

pjani. Ir-rima hija dik tradizzjonali ABĊB, jiġifieri dik imqabbża.

Il-mużikalità f'*Lil alla Falz* tinbena fuq numru ta' allitterazzjonijiet ("moħmi f'ruħi/f'ombra msaħħna/bħal ħamiema"; "b'dawk għajnejk żmeraldi/intuskati bl-arseniku ta' l-odju"; "xkaffa/xakall"), ta' assonanzi ("leħnu tremolo/moħfi f'obwe jirbombja"), u ta' rimi interni ("ħamiema/ġewwiena"; "koppletti/turretti").

Fuq livell lessikali l-poeżija ta' Mizzi hija iżjed imlewna minn dik ta' Vella. F'*Lil alla Falz* Mizzi jagħmel użu estensiv minn kliem rumanz bħal "falz", "xakall", "xkaffa", "mużew", "żmeraldi", "ombra", "inkubatur", "jistordi", "jistira" u "filugranu". Hemm kliem rumanz marbut ma' għelieqi lessikali differenti: "intuskati", "arseniku", "odju", (kimika); "tremolo", "obwe", "jirbombja" (mużika); "koppletti", "alkovi", "turretti" (arkitettura); "Spirtu s-Santu", "etern", "messal illuminat" (reliġjon). Bħala kliem semitiku nsibu kliem marbut mal-ġisem uman ("daħka", "tħarisx", "għajnejk", "leħnu", "demm"), u man-natura ("ħamiema", "dwieli", "għeneb").

Fuq in-naħa l-oħra Vella jagħmel użu esklussivament minn kliem semitiku, anki hawn marbut ma' l-elementi naturali li minnhom il-poeta Franġiskan jissellef: "għolliq", "leħħa", "għabex", "żiffa", "smewwiet", "riħ" u "nida". Ta' min jgħid però illi minkejja l-għażla assoluta ta' kliem semitiku, il-lessiku wżat minn Vella huwa sempliċi għall-aħħar.

Kemm Achille Mizzi kif ukoll Marjanu Vella jagħmlu użu mil-logħba tal-kuntrasti. F'*Lil alla Falz* joħroġ ċar il-kuntrast bejn is-sħana u l-imħabba ta' l-Alla Nisrani ("moħmi", "msaħħna", "inkubatur") u l-kesħa u l-mewt ta' l-alla pagan ("xakall", "mużew", "żmeraldi", "intuskati", "arseniku", "odju"). Il-logħba tal-kuntrast toħroġ f'Vella anki fuq livell lessikali: "ħaj-setgħani/mejtin/ħajjin"; "bidu/tmiem"; "dawl/dell").

L-idea ta' l-Alla Nisrani mimli sħana, dawl u ħajja toħroġ f'Vella permezz ta' kliem bħal "jaqbad", "leħħa", "nar", "ħeġġeġ", "jħaddar", "aħdar-niedi" u "nida". Id-dawl jidher ukoll f'Mizzi: "bħal ħamiem fuq il-bajd/li tfaqqas id-dija ġewwiena"; "fil-messal illuminat". Iżda Alla huwa wkoll ħoss: "Alla tiegħi leħnu tremolo/moħfi f'obwe jirbombja" (Mizzi); "smajt il-leħen t'Alla"; "nstema' iċaqċaq f'wens ta' skiet"; "sa dewa l-leħen t'Alla" (Vella).

Il-Kritika Prattika

Bħala aspetti grammatikali li jirrikorru nistgħu nsemmu n-numru ta' negazzjonijiet li niltaqgħu magħhom fiż-żewġ poeżiji: "la tħarisx lejja"; "ma jsaħħannix"; "Alla tiegħi mhux int" (Mizzi); "bla dell u għabex"; "bla ma ħabbat"; "ma nafx"; "mhux Alla" (Vella). F'*Horeb* insibu numru ta' verbi fl-ewwel persuna perfett bħal "rajt", "smajt", "ersaqt" u "fhimt". Mil-lat ta' liċenzji poetiċi nistgħu nsemmu l-indirizz lill-alla Egizzjan tal-mejtin, għassies ta' l-oqbra ("Ja Anubis"); l-anafora ("Alla tiegħi"); u l-interjezzjoni ("Alla tiegħi mhux int!") fil-poeżija ta' Mizzi. F'*Horeb* insibu l-kjażmu ("kien miet f'qalbi - f'qalbi miet"); l-epiżewski ("Fit-tarf, sew sew, tat-triq"; "bil-qajl il-qajl"); u l-onomatopea ("iċaqlaq"). Fiż-żewġ poeżiji nsibu żewġ similitudnijiet biss: "Bħal ħamiema fuq il-bajd" (Mizzi), u "bħal żiffa mis-smewwiet" (Vella).

Metafora kumplessa għalkemm mill-isbaħ hi dik ta' Mizzi:

*"Alla tiegħi jistira mad-dwieli*
*tal-filugranu*
*fil-messal illuminat*
*bil-misteru ta' l-għeneb tad-demm"*

Alla bħal donnu jsir ħaġa waħda mad-dwieli mqabbla ma' filugranu (li jeħtieġ imħabba u paċenzja biex jinħadem). L-għalqa bid-dwieli tista' titqabbel mal-fidi li ssib fil-messal, filwaqt li hemm rabta bejn il-għeneb tad-dwieli u d-demm ta' Kristu, protagonist ewlieni fil-messal.

*Lil alla Falz* u *Horeb* huma żewġ poeżiji mill-isbaħ grazzi għall-preġji partikulari tagħhom. Mizzi bħala poeta modern għażel li jilgħab l-iżjed fuq il-mużikalità tal-kelma, filwaqt li Vella, poeta Franġiskan u romantiku-modern, għażel lingwa sempliċi u alternanza interessanti bejn versi tradizzjonali. Fit-tnejn joħroġ b'saħħtu s-sens ta' Alla ħaj u mimli mħabba.

*Lil Alla Falz* ta' Achille Mizzi

Ja Anubis
alla falz
bid-daħka ta' xakall,
la tħarisx lejja
mill-ixkaffa tal-mużew
b'dawk għajnejk żmeraldi
intuskati bl-arseniku ta' l-odju.

Alla tiegħi mhux int!
Alla tiegħi Alla ta' l-Imħabba.

Alla tiegħi moħmi f'ruħi
f'ombra msaħħna
bħal ħamiema fuq il-bajd
li tfaqqas id-dija ġewwiena.
Alla tiegħi leħnu tremolo
moħfi f'obwe jirbombja
f'qasbet għadmi.
U meta
fl-inkubatur ta' ħdanu
ma jsaħħannix
Hu jitbissimli
Spirtu s-Santu
fil-koppletti u l-alkovi kaħlana
tat-turretti fejn in-nifs jinqata'
u l-moħħ jistordi
bl-għarfien etern.

Alla tiegħi jistira mad-dwieli
tal-filugranu
fil-messall illuminat
bil-misteru ta' l-għeneb tad-demm.

Ja Anubis
alla falz
bid-daħqa ta' xakall,
la tħarisx lejja
mill-ixkaffa tal-muzew
b'dawk għajnejk żmeraldi
intuskati bl-arseniku ta' l-odju.

Alla tiegħi mhux int!
Alla tiegħi alla ta' l-imħabba.

*Horeb* ta' Marjanu Vella

Rajt l-għolliq jaqbad, smajt il-leħen t'Alla.

Ersaqt u rajt il-leħħa
tan-nar minn ġo l-għolliq
li kien, ftit ilu, jħaddar
fit-tarf sew sew, tat-triq.

Rajt il-leħħa, smajt il-leħen
ta' Jaħweħ:
l-istess leħen, l-istess leħħa
ta' Mosè.

Għax Alla tiegħi, Alla ħaj-setgħani,
mhux Alla tal-mejtin:
fih, bidu w tmiem, fih dawl bla dell u għabex,
Hu Alla tal-ħajjin.

Rajt l-għolliq jaqbad, smajt il-leħen t'Alla.

Ħeġġeġ l-għolliq u nstema'
iċaqċaq f'wens ta' skiet,
sa dewa l-leħen t'Alla
bħal żiffa mis-smewwiet.

Ħelu l-leħen,
qawwi, sħiħ,
smajtu jien
mal-ħoss tar-riħ.

Ersaqt u rajt il-leħħa
fil-qalba ta' l-għolliq
li rajtu aħdar-niedi
fit-tarf, sew sew, tat-triq.

Smajt leħen Alla nieżel ġewwa qalbi
bil-qajl il-qajl, ħanin,
u fhimt li Alla tiegħi ried jurini
li Hu mhux tal-mejtin.

Alla tiegħi kien miet f'qalbi
- f'qalbi miet -
meta għadda, bla ma ħabbat
f'waqt ta' skiet...

Il-leħen t'Alla fija
niżel f'nida ta' sliem:
x'qalli jien nafu waħdi,
ma nafx inrodd fi kliem.

Ħelu l-leħen
qawwi, sħiħ,
smajtu jien
mal-ħoss tar-riħ.

Rajt l-għolliq jaqbad, smajt il-leħen t'Alla.